# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Frar 2020**

**Numru 11**
**Rikors numru 157/19 LM**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 476/2015 fl-ismijiet:**

**Hawkins James**

**v.**

**Seasus Limited (C-29821)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors li s-socjeta` ezekutata Seasus Limited ressqet fit-30 ta' Mejju, 2019, li bih talbet it-thassir tal-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju wara li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili, b'sentenza tat-8 ta' April, 2019, cahdet it-talbiet kollha tas-sekwestrant James Hawkins, u anzi laqghet it-talba rikonvenzjonali tas-socjeta` sekwestrata ghal-hlas tad-danni li garrbet marbuta mas-servizzi li wettqet ghas-sekwestrant; minn din is-sentenza hemm appell pendenti. Is-socjeta` sekwestrata qed titlob

ukoll l-impozizzjoni ta' garanzija a bazi tal-Artikolu 838A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Is-sekwestrant James Hawkins qed jopponi dawn it-talbiet peress illi (i) il-kawza ghadha ma ghaddiex f'gudikat; (ii) ma jezistux l-elementi sabiex il-mandat jigi revokat; u (iii) ma jezistux l-elementi ta' kawza gusta ghal-garanzija xierqa.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi din il-Qorti tghid mill-ewwel li ma tarax li jezistu l-elementi ghar-revoka tal-mandat imsemmi. Hu veru li l-ewwel Qorti ddecidiet kontra s-sekwestrant, pero`, darba li l-materja ghadha ma gietx determinata finalment, ma jistax jinghad li l-pretensjoni tieghu hija bla bazi. Kieku kellu jkun kif jargumenta s-sekwestrat, ma' kull decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili li tkun kontra s-sekwestrant, il-mandati kawtelatorji jigu kollha revokati, izda mhux dan il-hsieb wara l-ligi. Il-meritu tat-talbiet ghad trid tigi investigata ulterjorment fis-smigh tal-appell – anzi kieku din il-Qorti taghmel hekk f'dan l-istadju tkun qed tesprimi opinjoni cara dwar l-appell (ara f'dan il-kuntest is-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fid-29 ta' Marzu, 2019, fil-kawza fl-ismijiet **Zammit v. Micallef**).

F'din il-kawza ma jirrizultax cirkostanzi partikolari u essenzjali li jwassluha twarrab il-mandat f'dan l-istadju, u kwindi tichad it-talba relattiva.

Dwar it-talba ghall-imposizzjoni ta' garanzija, anke hawn, lil din il-Qorti ma jirrizultalhiex l-estremi ta' "*kawza gusta*" biex taghmel dan. Hu maghruf li mhux kull meta s-sekwestrant jitlef il-kawza fil-meritu dan isir passibbli ghad-danni, izda jrid jirrizulta li jkun agixxa b'kapricc jekk mhux in mala fede. Kull cittadin ghandu dritt, qabel ma jniedi jew waqt is-smigh ta' proceduri gudizzjarji, jikkawtela l-interessi tieghu bil-metodi li tippermetti l-ligi. F'dan il-kaz ma jirrizultawx provi li, sa issa, juru intenzjoni malizzjuza da parti tas-sekwestrant, u allura ma tarax li ghandha timponi garanzija fit-terminu tal-ligi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mar-rikors tas-socjeta` sekwestrata Seasus Limited billi tichad it-talbiet taghha, bl-ispejjez kontra taghha.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur

mb